

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrent isostni li s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza hija bbażata fuq premissi falzi u/jew arbitrari minħabba li:

- Tiċħad l-interess awtonomu ta' l-appellant fir-rigward tar-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tiegħu;
- Tippreżenta b'mod żbaljat il-leġiżlazzjoni dwar in-nullità u l-applikazzjoni tagħha;
- Tiċħad protezzjoni legali lir-rikorrent minkejja li tibqa' mhux solvuta l-kwistjoni dwar jekk id-diżabilità tiegħu hijiex ikkaġunata mix-xogħol;
- Taqta' fuq l-ispejjeż mingħajr ma tieħu in kunsiderazzjoni r-realtajiet li żviluppaw fil-kuntest tas-sitwazzjoni tar-rikorrent.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-12 ta' April 2007 — Alfonso Luigi Marra vs Eduardo De Gregorio**

(Kawża C-200/07)

(2007/C 129/22)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Alfonso Luigi Marra.

Konvenut: Eduardo De Gregorio.

**Domandi preliminari**

1) Fil-każ tan-nuqqas ta' azzjoni ta' membru tal-Parlament Ewropew, li ma jużax il-fakultà mogħtija lill mill-Artikolu 6 (2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup> li jitlob direttament lill-President il-ħarsien ta' l-immunità jew tal-privileġġ, l-imhallee li quddiemu tinsab pendenti kawża ċivili huwa madankollu marbut li jitlob lill-President ir-revoka ta' l-immunità, għall-finijiet tat-tkomplija tal-proċedura u ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni?

jew

2) Fin-nuqqas tal-komunikazzjoni minn naħa tal-Parlament Ewropew li jkun irid iħares l-immunità u l-privileġġi tal-membri Parlamentari, l-imhallee li quddiemu tkun tressqet il-kawża ċivili jista' tiddeċiedi dwar jekk teżistix jew le l-pre-rogattiva, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ? Ir-rinviju preliminari jwassal għas-sospensjoni tal-proċediment.

---

(<sup>1</sup>) ĠU L 44, 15.2.2005, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (Italja) fit-13 ta' April 2007 — Alfonso Luigi Marra vs Clemente Antonio**

(Kawża C-201/07)

(2007/C 129/23)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Alfonso Luigi Marra.

Konvenut: Clemente Antonio.

**Domandi preliminari**

Id-domandi preliminari huma l-istess bħal dawk imressqa fil-Kawża C-200/07

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-206/07)

(2007/C 129/24)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Pignaturo u M. Afonso)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— li jiġi ddikjarat li r-Repubblika Portugiża, peress li ma adottatx il-liġijiet, regoli u dispożizzjonijiet amministrattivi kollha meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/33/KE <sup>(1)</sup> tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Marzu 2004, li timplimenta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/98/KE rigward ċerti ħtiġiet tekniċi tad-demmm u tal-komponenti tad-demmm jew, f'kull każ, peress li ma nnotifikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, naqset mill-obbligi imposti fuqha bis-saħħa ta' din id-Direttiva.

— li r-Repubblika Portugiża tiġi ordnata tbatl l-ispejjeż.